ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Kompetenzi Ewlenin

**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2016**

**IL-ĦAMES SENA** **IR-RELIĠJON** **IL-ĦIN: Siegħa u nofs**

L-Isem: ______________________ Il-Klassi: ____________

**Din il-karta tal-eżami fiha TMIEN taqsimiet.**

**Aqra sewwa l-istruzzjonijiet fit-titli ta' kull eżerċizzju.**

**Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.**

**Għall-użu tal-għalliema**

| Taqsima A | Taqsima B | Taqsima C | Taqsima D | Taqsima E | Taqsima F | Taqsima G | Taqsima H | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 10 | 16 | 14 | 12 | 14 | 12 | 12 | 100 |
| | | | | | | | | |

## TAQSIMA A

**Qabbel il-kliem mal-istampi billi tagħmel vleġġa mill-kelma għall-istampa.**

**L-ewwel waħda hija eżempju.** *(10 marki)*

1. Is-Sagrament tal-Qrar



2. Is-Sagrament tal-Magħmudija



3. Is-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof



4. Is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda



5. Is-Sagrament taż-Żwieġ



6. Is-Sagrament tal-Ordni Sagri



**TAQSIMA B**

**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B. L-ewwel waħda qed tingħata bħala eżempju.**

*(10 marki)*

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-Magħmudija | | inaddafna mid-dnub tan-nisel. |
| 2. | Fil-Magħmudija, l-ilma | | jirrappreżenta lil Kristu Rxoxt. |
| 3. | Fil-Magħmudija, il-libsa l-bajda | | huwa l-post fejn il-persuna tiġi mgħammda. |
| 4. | Fil-Magħmudija, iż-żejt u l-balzmu | | tfisser li l-persuna qed tilbes lil Kristu. |
| 5. | Fil-Magħmudija, il-blandun | | jagħtuna l-qawwa biex ngħixu ta' Nsara. |
| 6. | Fil-Magħmudija, il-battisteru | **1** | hija l-ewwel sagrament li nirċievu. |



**TAQSIMA C**

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.** *(16-il marka)*

1. Aħna nikkonfermaw dak li rċevejna fil-Magħmudija meta nagħmlu
   (a) l-ewwel tqarbina.
   (b) il-Griżma tal-Isqof.
   (c) iż-żwieġ.

2. Nifforma l-kuxjenza tiegħi billi
   (a) nagħmel id-dnub.
   (b) naqra l-Bibbja.
   (c) nisma' mix-xitan.

3. Lil min ikun fil-periklu li jmut, nagħtuh
   (a) is-Sagrament taż-Żwieġ.
   (b) is-Sagrament tal-Ordni Sagri.
   (c) is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda.

4. L-abort huwa
   (a) meta toqtol tarbija fil-ġuf tal-omm.
   (b) meta toqtol anzjan għax ikun xjaħ.
   (c) meta toqtol pazjent għax ikun marid.

5. L-ewtanasja hija
   (a) meta tagħmel ħsara lill-ambjent.
   (b) meta toqtol tarbija għax ma tridhiex.
   (c) meta toqtol pazjent għax ikun qed ibati.

6. Meta naħdem
   (a) inkun qed nitgħażżen.
   (b) inkun qed inħaddem it-talenti tiegħi.
   (c) inkun qed nagħmel ħsara lil ħaddieħor.

7. Wieħed mill-għanijiet taż-żwieġ huwa li l-miżżewġin
   (a) jgħixu separati.
   (b) iħobbu lil xulxin.
   (c) jiġġieldu kuljum.

8. Iċ-ċelibat huwa meta persuna
   (a) toffri ħajjitha lil Alla.
   (b) tiżżewweġ biż-żwieġ ċivili.
   (c) tmexxi skola.



**TAQSIMA D**

**Imla l-vojt bil-kliem mogħti.** *(14-il marka)*

| | | | |
|---|---|---|---|
| bid-dnub | iva | Ġesù | Elizabetta |
| fis-sema | Alla | Gabrijel | |

1. Lil Marija, ____________________ għażilha biex tkun Omm ____________________.

2. Marija ma twilditx ____________________ tan-nisel.

3. L-anġlu ____________________ qalilha li se jkollha tarbija.

4. Meta semgħet li ____________________ kien se jkollha tarbija, hi marret tgħinha.

5. Bħal Marija, jiena għandi ngħid ____________________ lil Alla.

6. Marija ġiet imtellgħa ____________________ bir-ruħ u bil-ġisem.



**TAQSIMA E**

**F'Kolonna B, ikteb il-kelma DRITT jew DMIR. L-ewwel waħda qed tingħata bħala eżempju.** *(12-il marka)*

| Kolonna A | Kolonna B |
|---|---|
| 1. Nistrajkja meta jkun hemm bżonn. | DRITT |
| 2. Naqla' paga tajba. | |
| 3. Nagħmel xogħli sewwa. | |
| 4. Inkun membru f'*union*. | |
| 5. Naħdem f'post nadif. | |
| 6. Nuri rispett lejn sħabi. | |
| 7. Ma niskartax minn fuq il-post tax-xogħol. | |

**TAQSIMA F**

**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qed tingħata.** *(14-il marka)*

1. Meta nirċievu l-**M**____________________ insiru wlied Alla.
2. Fil-Griżma tal-Isqof, nirċievu l-**I**____________________ s-Santu.
3. **A**____________________ huwa s-Sid tal-Ħolqien.
4. Meta toqtol tkun qed tagħmel **d**____________________ .
5. In-Nisrani jaħdem biex jaqla' l-**p**____________________ biex jgħix hu u l-familja tiegħu.

6. Bid-dnub ta’ Adam u **E**____________________ daħlet it-tbatija fix-xogħol.

7. L-imħabba **A**____________________ tfisser li tagħti ħajtek għal ħaddieħor.

**TAQSIMA G** *(12-il marka)*



**Aqra s-silta.**

Jason u Rita marru jixtru x’jieklu. Wara li lestew, irmew il-karti u t-tazzi fl-art.

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. X’għamlu ħażin Jason u Rita?

   ________________________________________________________ *(2 marki)*

2. Kieku int kont flokhom, x’kont tagħmel?

   ________________________________________________________ *(2 marki)*

3. Agħti **żewġ** eżempji ta’ kif nistgħu nieħdu ħsieb l-ambjent.

   (a) ____________________________________________________ *(2 marki)*

   (b) ____________________________________________________ *(2 marki)*

4. Semmi **żewġ** eżempji ta’ meta aħna nkunu qed nagħmlu ħsara lill-ambjent.

   (a) ____________________________________________________ *(2 marki)*

   (b) ____________________________________________________ *(2 marki)*

**TAQSIMA H**

**Kompli dawn is-sentenzi.** *(12-il marka)*



1. Min jieħu d-droga ____________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________



2. Fiż-żwieġ, il-mara u r-raġel _____________
________________________________________
________________________________________
________________________________________



3. Bħala Nisrani/ja, għandi ________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________



4. Għandi nagħżel xogħol _________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________

**TMIEM IL-KARTA**